



Repubblika Demokratika tal-Kongo: L-UE tadotta sanzjonijiet kontra 9 persuni oħra

Il-Kunsill adotta miżuri restrittivi, b'effett immedjat, kontra 9 individwi li għandhom **pożizzjonijiet ta' responsabbiltà fl-amministrazzjoni tal-Istat u fil-linja ta' kmand tal-forzi tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)**. Huma jiżiedu mas-7 persuni li l-UE imponiet sanzjonijiet fuqhom fit-12 ta' Diċembru 2016 b'reazzjoni għall-imblukkar fil-proċess elettorali u ksur relatat tad-drittijiet tal-bniedem.

Dikjarazzjoni tal-UE dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

L-Unjoni Ewropea tibqa' mħassba serjament bis-sitwazzjoni politika fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) li sejra għall-aġar.

Il-kriżi fil-Provinċja ta' Kasai laħqet livell eċċezzjonali f'termini umanitarji u ta' sigurtà u fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem. Filwaqt li tikkundanna bil-qawwa l-atti kollha ta' vjolenza irrispettivament mill-orijini tagħhom, l-UE tinsab imħassba dwar rapporti ta' użu sproporzjonat ta' forza minn korpi tal-Istat, speċjalment tal-forzi tas-sigurtà, fl-immaniġġar tal-kriżi. Hija thegħgeġ lill-awtoritajiet tar-RDK jaġixxu f'konformità mad-drittijiet tal-bniedem u mal-libertajiet fundamentali u, mingħajr dewmien, jibdew investigazzjonijiet kredibbli u trasparenti, akkumpanjati minn ħila esperta internazzjonali ta' livell għoli biex tissaħħaħ il-kredibbiltà u l-indipendenza tagħhom, sabiex jiġu identifikati dawk responsabbli tal-atti ta' vjolenza u l-massakri. Hija tenfasizza l-hteġġa li l-MONUSCO tkun tista' teżerċita l-mandat tagħha b'mod sħiħ u li l-aċċess umanitarju jkun żgurat fiż-żoni affettwati mill-kriżi.

L-UE tibqa' wkoll imħassba bir-restrizzjonijiet kontinwi fuq l-isparju demokratiku u d-drittijiet fundamentali, inkluż restrizzjonijiet fuq il-media u l-projbizzjoni ta' protesti.

Fil-livell politiku, l-UE tesprimi t-tħassib tagħha dwar in-nuqqas ta' qbil biex titmexxa 'l quddiem it-transizzjoni. Hija ttenni li sabiex toħroġ mill-kriżi fuq bażi sostenibbli, it-transizzjoni għandha twassal għal elezzjonijiet demokratiċi u trasparenti, li jsiru malajr kemm jista' jkun u f'konformità mal-Kostituzzjoni u l-Ftehim Politiku tal-31 ta' Diċembru 2016. Huwa meħtieġ b'mod partikolari li tittieħed azzjoni bona fide biex jiġu stabbiliti istituzzjonijiet transizzjonali inklużvi ġenwinament u fi żmien qasir jiġu implimentati miżuri li jtaffu t-tensjoni, it-tnejn li huma jitqiesu kruċjali għal ambjent elettorali miftuħ u kalm. Spazju għal espressjoni u dibattitu mingħajr xkiel huwa essenzjali biex iċ-ċittadini jkun jistgħu jikkellmu liberament hekk kif iħejju ruħhom għall-elezzjonijiet.

Il-proċess elettorali jibqa' l-isfida prinċipali fix-xhur li ġejjin, li jibda bid-definizzjoni ta' kalendarju u baġit elettorali kunsenswali f'konformità mal-Ftehim Politiku. Il-konformità mar-riżoluzzjoni 2348 tal-KSNU u l-impenji meħuda fil-Ftehim Politiku ser jippermettu lill-Unjoni Ewropea tappoġġa dan il-proċess. It-twaqqif ta' skeda ta' żmien ser jiggwida l-proċess u jippermetti li l-appoġġ minn sħab reġjonali u internazzjonali jiġi mmobilizzat f'waqtu. L-UE tinkoraġġixxi u tappoġġa l-isforzi li saru f'din id-direzzjoni min-Nazzjonijiet Uniti, l-Unjoni Afrikana, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Pajjiżi Frankofoni u sħab internazzjonali oħra.

Is-sitwazzjoni soċjoekonomika kritika, aggravata minn governanza dgħajfa u miżapproprjazzjoni tar-riżorsi nazzjonali, tħalli proporzjon kbir tal-popolazzjoni, u speċjalment liż-żgħażaġh, bi ftit prospetti u tikkostitwixxi riskju ta' destabilizzazzjoni. Fid-dawl tad-deterjorazzjoni sinifikanti tas-sitwazzjoni, u kif indikat fil-konklużjonijiet tagħha tas-6 ta' Marzu 2017, illum, l-UE ħadet id-deċiżjoni li timponi miżuri restrittivi ġodda kontra 9 individwu responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem.

L-Unjoni Ewropea ser issewwi mill-qrib l-iżviluppi politiċi u l-iżviluppi tad-drittijiet tal-bniedem matul il-ftit xhur li ġejjin u, skont kif dawn jirriżultaw, hija tista' tikkunsidra miżuri restrittivi addizzjonali jew, għall-kuntrarju, tirtira xi wħud minnhom. B'rabta ma' dan ittenni r-rieda tagħha li timpenja ruħha fi djalogu politiku tal-ogħla livell f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou.

Id-deċiżjoni tal-lum tikkonċerna l-eks Ministru għall-Intern u dak attwali, il-gvernatur ta' Kasai-Central, l-eks gvernatur ta' Haut-Katanga, żewġ uffiċjali għolja, mexxej tal-milizzja, u d-direttur tas-Servizz Nazzjonali tal-Intelligence, elenkati għall-kontribut tagħhom fatti li jikkostitwixxu **ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem** fir-RDK, billi ppjanawhom, mexxewhom jew wettquhom. Il-Ministru għall-Komunikazzjoni u l-Media u l-kelliem għall-gvern huwa wkoll elenkat bħala responsabbli għall-politika tal-media repressiva fir-RDK,

li tikser id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni u **ddgħajjef soluzzjoni kunsenswali u paċifika** lejn iż-żamma tal-elezzjonijiet.

L-ismijiet tal-individwi kkonċernati u r-raġunijiet li jwasslu lill-Kunsill biex jelenkahom jidhru fil-Ġurnal Uffiċjali tad-29 ta' Mejju 2017. Il-miżuri restrittivi jidhru fis-seħħ immedjatament. Huma jinkludu projbizzjoni fuq id-dħul fl-UE u ffriżar tal-assi, kif ukoll projbizzjoni li fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli għall-individwi elenkati.

- [Official Journal of 29 May 2017](#)
- [Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Marzu 2017 dwar ir-RDK](#)
- [Stqarrija għall-istampa dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo](#)
- [Adozzjoni ta' miżuri ristrettivi tal-UE - 'sanzjonijiet'](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press